Qorti ta’ l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 6/2007/3

**Mark Gaffarena**
**(appellant)**

**Vs**

**Paul Muscat**
**(appellat)**

4 ta’ Ġunju, 2018.

1. Permezz ta’ rikors intavolat fit-18 t’ April 2007, ir-rikorrent illum appellant talab lill-Bord dwar il-Kontroll ta’ Kiri ta’ Raba jittermina l-qbiela tal-għalqa proprjetà tiegħu li tinsab iż-Żebbiegħ limiti tal-Imġarr Malta mlaqqma ‘Tal-Qala’, sive Tal-Ħandiel, tal-kejl ta’ ċirka 22,233 metri kwadri u jawtorizzah jirriprendi l-pussess tal-istess għalqa fl-iskadenza li jmiss prejva l-likwdazzzjoni ta’ kull kumpens lilu dovut skont il-liġi. Ippremetta li jikri lill-intimat l-imsemmija għalqa bil-qbiela ta’ Lm20 pagabbli fis-sena bil-quddiem l-aħħar skadenza fil-15 t’Awissu 2006 iżda jrid jirriprendi l-pussess tal-imsemmija għalqa u jittermina l-lokazzjoni konċessa, salv għad-drittijiet tiegħu għar-rintegrazzjoni tal-fond fl-istat pristin tiegħu u danni oħra, in kwantu l-imsemmi ntimat allegatament kiser il-kundizzjonijiet tal-qbiela gravanti l-imsemmija għalqa billi ssulloka parti mil-istess għalqa lil terzi mingħajr il-kunsens tiegħu, ħalla l-għalqa tintuża għal skop divers minn dak miftiehem u ħalla li ssir ħsara fl-istess għalqa.

2. L-intimat wieġeb[1] illi t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż għas-segwenti raġunijiet:-

> ‘1. *Illi in linea preliminari ir-rikorrent għandu juri illi huwa sid il-kera tar-raba meritu tal-kawża, billi safejn jafu l-intimati, sid il-kera hija s-soċjetà Champalin Company Limited;*

---
[1] Fol 2

2. *Illi fil-meritu, assolutament ma huiex minnu illi l-intimat issulloka l-għalqa imqabbla lilu. Jiġi ċarat illi r-raba 'Tal-Ħandiel', fiha kejl ta' madwar tletin tomna bi qbiela komplessiva ta' tletin lira (LM30). Ir-raba in parola tappartjeni inkwantu għal għoxrin tomna lis-soċjetà Champalin Company Limited u inkwantu għar-rimanenti għaxar tomniet lill-terzi. L-eċċipjent jiġbor mingħand id-diversi kerrejja, lkoll dixxendenti tal-gabillott oriġinali, il-qbiela pagabbli minnhom u jħallas l-istess lis-sidien (allura inklużi is-soċjetà rikorrenti) is-sehem tal-istess ammont spettanti lilhom rispettivament. Dana l-istat ta' fatt ippersista sa ftit wara li l-imsemmija soċjetà Champalin Limited akkwistat porzjoni tal-għalqa u ma baqgħetx taċċetta l-qbiela. Fil-fatt kienet istitwiet proċeduri kontra l-intimat f' dan il-Bord (Rikors Numru 02/2004 JC fl-ismijiet Champalin Company Limited vs. Paul Muscat) bażat propju fuq il-premessa illi "l-intimat qiegħed jallega illi l-għalqa hija imqabbla lil diversi gabillotti" b' talba sabiex l-istess intimat "jiddeżisti milli jiġbor qbejjel jew kirjiet mingħand terzi persuni".*
3. *Illi l-intimat qatt ma uża l-għalqa għal xi skop għajr il-biedja u ċertament qatt ma ħalla li ssir xi "ħsara" illi ma ġietx identifikata mir-rikorrent fir-rikors promotur.*
4. *Salvi eċċezzjonijiet oħra.'*

3. Permezz ta' deċiżjoni[2] mogħtija fis-26 t' April 2017, il-Bord dwar Il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba' ddeċieda:

*'Il-Bord,*

*Wara illi ra id-dokumentazzjoni kollha prodotta u x-xhieda imressqa quddiem il-Bord*

*Wara illi ra ir-rapport tal-Membri Tekniċi minnu mqabbad*

*Jgħaddi biex jaqta' u jiddeċiedi l-każ billi*

*Jilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat u*

*Jiċħad it-talbiet attriċi*

*Spejjeż tal-proċeduri kollha a kariku tar-rikorrenti.'*

4. Illi minn din is-sentenza appella r-rikorrenti Mark Gaffarena. Huwa ħassu aggravat mill-apprezzament tal-provi li għamel il-Bord u talab lil din il-Qorti '*tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli bord dwar il-kontroll ta' kiri ta' raba tas-26 t' April 2017 fil-kawża fl-ismijiet fuq premessi billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-appellant u konsegwentement tiċħad it-talbiet tal-intimat appellat u dan taħt dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportune fiċ-ċirkostanzi.'*

[2] Fol. 404 et seq.

5. Illi permezz ta' risposta datata 7 t' Awissu 2017 l-appellat wieġeb illi l-att preżentat mir-rikorrent ma jikkostitwixxix appell mis-sentenza tas-26 ta' April 2017 fl-ismijiet premessi billi jidher li l-appellant qiegħed jitlob '*ir-riforma*' tal-imsemmija sentenza billi tilqa' l-eċċezzjonijiet u tiċħad it-talbiet. Inoltré, mhux ċar mit-talba liema riforma qegħda tiġi mitluba, ossija, liema kapijiet tas-sentenza għandhom jiġu kkonfermati u liema għandhom jiġu mħassra. F'kull każ l-aggravji mressqa huma nfondati u s-sentenza appellata timmerita konferma;

**<u>Ikkunsidrat</u>:**

6. Għalkemm fir-rikors tal-appell l-appellant talab ir-riforma tas-sentenza appellata, l-aggravju jikkonsisti fi kritika ġenerali tal-apprezzament tal-fatti li għamel il-Bord. Huwa manifest għalhekk li l-appellant ried jitlob it-tħassir u r-revoka tad-deċiżjoni appellata u mhux ir-riforma tagħha.

7. L-artikolu 143 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li nuqqas ta' dak li huwa meħtieġ skont il-liġi, *<u>inter alia</u>*, f'talba għal tħassir ta' sentenza, ma jagħmilx null ir-rikors. Se mai, tali difett jinneċessita biss korrezzjoni. L-istess prinċipju ġie applikat fil-ġurisprudenza:

> *Fiż-żmien aktar reċenti, imbagħad, l-istess Qorti kolleġġjali, filwaqt li għamlet komparizzjoni bejn l-artikolu korrispondenti tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili [Artikolu 142 (2)] u dak tal-Kodiċi Kriminali [Artikolu 419 (1) (c)] issoktat tirrileva illi "mill-Artikolu 143 tal-Kapitolu 12 jemerġi ċar li l-leġislatur ried ikun formalistiku mill-anqas billi stabilixxa li n-nuqqas ta' tħaris ta' dak li hu meħtieġ f' petizzjoni għar-revoka u petizzjoni għar-riforma ma jagħmelx nulla l-petizzjoni" ("**Sonia mart Joseph Grech proprio et nomine -vs- Stephanie Manfrè**", 14 ta' Lulju, 1988). Ankorké l-formulazzjoni wżata hi improprja, f' kull każ dak id-difett ma jġibx in-nullita` ta' l-appell imma se mai għall-korrezzjoni tiegħu. Ara "**Romina armla Zerafa -vs- Giuseppina Zerafa et**", Appell Civili, 30 ta' Jannar, 1967.*[3]

8. **Konsegwentment, a tenur tal-artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti tordna li fit-talba finali tar-rikors tal-appell: (i) il-kelma '*tirriforma*' għandha tiġi sostitwita bil-kliem '*tħassar u tirrevoka*' u (ii) wara l-kliem '*fil-kawża fl-ismijiet fuq premessi*' għandhom jiżdiedu l-kliem '*u tipprovdi minflok*'.**

---

[3] ***Camilleri Jeffrey vs Koperattiva ta' Min Irabbi l-Majjal Limited (K.I.M.) Ltd***, deċiż mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri), 27 ta' Frar 2008.

9. Sorvolat dan l-aspett proċedurali, il-qorti se tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tal-appellant.

10. L-appellat jibda billi jilmenta illi huwa ressaq prova li huwa akkwista l-art oġġett tal-kawża permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Antoine Agius tas-26 ta' Settembru 2005 (Dok MG 001).[4]

11. Effettivament dan il-fatt jirriżulta ppruvat kemm mix-xhieda tar-rikorrent, kemm mill-kopja tal-kuntratt oriġinali eżebita min-nutar Antoine Agius[5] kif ukoll mix-xhieda ta' Charles Cassar[6] li deher fuq il-kuntratt ta' bejgħ lir-rikorrent tal-art mertu tal-kawża odjerna għan-nom u f'isem ta' Champalin Company Limited.

12. Isegwi li l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimat, ossija, li r-rikorrent għandu juri li huwa sid il-kera tar-raba' mertu tal-kawża, kellha tiġi meqjusa sodisfatta ladarba tali prova saret;

13. L-appellant ikompli jilmenta mill-fatt illi l-Bord ikkonkluda illi huwa ma irnexxilux jipprova l-allegazzjoni illi l-intimat issulloka l-art lill-terzi, u li t-talba ta' ripreza abbażi ta' l-Artikolu 4 (2)(ċ) tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta ma tirriżultax ippruvata;

14. Il-kunsiderazzjonijiet li wasslu l-Bord għal din il-konklużjoni kienu s-segwenti:

> *'Jirriżulta, fil-provi prodotti quddiem dana il-Bord, illi l-art meritu tal-kawża odjerna kienet parti minn biċċa art akbar li kienet mqabbla mill-familja Attard Montalto lill ġenituri, kemm materni kif ukoll paterni, ta' missier l-intimat, illi kien jismu Piju Muscat, u tali art kienet tintuża u titħaddem mill-familjari kollha tal-ġenituri ta' missier l-intimat.*
>
> *Jirriżulta, di fatti, illi l-intimat ippresenta riċevuta uffiċjali tal-qbiela, datata 9 ta' Ottubru 1979, illi kienet tgħid "Piju Muscat, Pawlu Vella, Gużepp Muscat u Franġisk Muscat ħallsu is-somma ta' Lm30 għar-raba magħruf bħala 'Tal-Ħandiel' jew 'Tal-Qala' fil-limiti tal-Mġarr, Malta għat-terminu ta' qbiela li beda fis 16 ta' Awissu 1978 u għalaq fil 15 ta' Awissu 1979" (fol 171)*
>
> *Jirriżulta, għalhekk, illi a differenza ta' dan illi qiegħed jikkontendi r-rikorrent, l-art ma kienet mqabbla biss lill-intimat, u dana abbażi tal-fatti illi ser jissemmew issa:*
>
> - *Jirriżulta illi Paolo Muscat qiegħed jaħdem porzjon art, u dan ghal dawn l-aħħar tmienja u ghoxrin (28) sena, liema art qabel kienet tinhadem minn*

[4] Fol. 35 et seq.
[5] Fol. 55 et seq.
[6] Fol. 125 et seq.

*missieru, Piu Muscat, li qablu kien qiegħed jaħdimha missieru Lazzru Grima (fol 226)*

- *Jirriżulta illi Gamri Vella qiegħed jaħdem porzjon art, u dan għal dawn l-aħħar erbgħa u ħamsin (54) sena, liema art qabel kienet tinħadem minn missieru, Pawlu Vella (fol 228)*

- *Jirriżulta illi Kevin Said qiegħed jaħdem porzjon art flimkien ma' ħatnu Joe Żammit, u dan għal dawn l-aħħar tmintax-il (18) sena, liema art qabel kienet tinħadem minn ħatnu, Joe Żammit, li qablu kien qiegħda tinħadem miz-zijiet tiegħu, fosthom Wenzu Vella (fol 230)*

- *Jirriżulta illi Patrick Muscat qiegħed jaħdem żewġt porzjonijiet art, u dan għal dawn l-aħħar tlettax-il sena (13), liema art qabel kienet tinħadem minn missieru, John Muscat, li qablu kien qiegħed jaħdimha missieru Pacik Galea (fol 232)*

- *Jirriżulta illi Paul Vella qiegħed jaħdem porzjon art flimkien ma' ħuħ Joseph Vella, u dan għal dawn l-aħħar sitta u għoxrin (26) sena, liema art qabel kienet tinħadem minn missieru, Angelo Vella, li qablu kien qiegħed jaħdimha missieru Emanuel Vella (fol 235)*

- *Jirriżulta illi Joseph Vella qiegħed jaħdem porzjon art flimkien ma ħuħ Paul Vella, u dan għal dawn l-aħħar sitta u għoxrin (26) sena, liema art qabel kienet tinħadem minn missieru, Angelo Vella, li qablu kien qiegħed jaħdimha missieru Emanuel Vella (fol 237)*

- *Jirriżulta illi Carmel Abela qiegħed jaħdem tlett porzjonijiet art, u dan għal dawn l-aħħar tmienja u għoxrin (28) sena, liema art qabel kienet tinħadem minn missieru, Grezzju Abela, li qablu kien qiegħed jaħdimha missieru Pietru Vella (fol 239)*

- *Jirriżulta illi Mario Bugeja qiegħed jaħdem porzjon art, u dan għal dawn l-aħħar tmienja u għoxrin (28) sena, liema art qabel kienet tinħadem minn missier il-mara tiegħu, Grezzju Vella, li qablu kien qiegħed jaħdimha missieru Pietru Vella (fol 243)*

- *Jirriżulta illi Emanuel Vella qiegħed jaħdem porzjon art, u dan għal dawn l-aħħar tmienja u ghoxrin (28) sena, liema art qabel kienet tinħadem minn missieru, Grezzju Vella, li qablu kien qiegħed jaħdimha missieru Pietru Vella (fol 245)*

- *Jirriżulta illi John Muscat qiegħed jaħdem żewġt porzjonijiet art, u dan għal dawn l-aħħar tlieta u tletin (33) sena, liema art qabel kienet tinħadem minn missieru John Mary Muscat u oħtu Rosaria Muscat, li qabilhom kien qiegħed jaħdimha missierhom Giuseppi Muscat (fol 247)*

- *Jirriżulta illi Antonia Micallef qiegħda taħdem żewġt porzjonijiet art, u dan għal dawn l-aħħar ħmistax-il sena (15), liema art qabel kienet tinħadem*

*minn ommha Margherita Cassar, li qabilha kien qiegħed jaħdimha missierha Giuseppi Muscat (fol 250)*

- *Jirriżulta illi Victoria Maria Muscat qiegħed taħdem porzjon art, u dan għal dawn l-aħħar sebgħa (7) snin, liema art qabel kienet tinħadem minn missierha Salvu Muscat, li qablu kienet qiegħda taħdimha l-kunjata tiegħu, Adeodata Camilleri nee' Borg (fol 253)*

- *Jirriżulta illi Calcidon Borg qiegħed jaħdem porzjon art, u dan għal dawn l-aħħar tmienja u għoxrin (28) sena, liema art qabel kienet tinħadem minn ħatnu Grezzju Vella, li qablu kien qiegħed jaħdimha missieru Pietru Vella (fol 255)*

- *Jirriżulta illi John Mary Muscat qiegħed jaħdem porzjon art, u dan għal dawn l-aħħar wieħed u sittin (61) sena, liema art qabel kienet tinħadem minn missieru Piju Muscat, li qablu kien qiegħed jaħdimha missieru Frangisk Muscat (fol 271)*

- *Jirriżulta illi Piju Camilleri qiegħed jaħdem porzjon art, u dan għal dawn l-aħħar sittax-il sena (16), liema art qabel kienet tinħadem minn omm martu, Marija Vella nee' Muscat, illi hija oħra Pawlu Muscat u John Mary Muscat (fol 273)*

- *Jirriżulta illi Ivan Borg qiegħed jaħdem erbgħa porzjonijiet ta' l-art, u dan għal dawn l-aħħar wieħed u għoxrin (21) sena, liema art qabel kienet tinħadem mill-ġenituri tiegħu, Raymond Borg u Grace nee' Grima, li qabilhom kienet qiegħda taħdimha omm Grace Borg, jiġifieri Frangiska nee' Vella (fol 275)*

*Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża* ***Trapani Galea Feriol vs Deguara*** *deċiża fl-1 ta' Diċembru 2004:*

> *'.... huwa paċifikament akkolt illi "pero ` hu ċar u ovvju illi hu s-sid li jrid jipprova dak li jallega u ċjoe li l-inkwilin bla kunsens tiegħu ssulloka l-fond jew itrasferixxa l-kirja. U tali prova mhux biżżejjed li tkun indizju jew probabilità. Jeħtieġ li tkun univoka u kredibbli sal-punt li twassal lill-ġudikant għall-konvinċiment illi l- inkwilin ma kienx għadu bħala fatt li jużufruwixxi mid-drittijiet lilu kompetenti bħala kerrej u li kien għadda dawn l-istess drittijiet kompriżi fit-tgawdija tal-ħaġa lilu mikrija lil ħaddiehor" – "Concetta Theuma et -vs- Ir-Reverendu Dun Gwann Mercieca et", Appell, 20 ta' Frar 1996;*

*Ir-rikorrent, in sostenn tal-allegazzjoni tiegħu ipproduċa unikament lill Carmelo Cassar, ta' Champain Company Limited, illi kien begħlu l-art meritu tal-kawża odjerna, u dana Cassar, filwaqt illi jikkonferma illi "mingħand min konna xtrajna l-art kien infurmani li kien fiha iktar minn gabillot wieħed" (vide fol 113) dana jistqar illi "mingħand min xtrajt qalli jiena lil Pawlu Muscat naf biss, dan id-diskors qaluli certu Verzin li xtrajt mingħandu." (fol 114). Cassar, madanakollu,*

*in kontro eżami jistqar illi "lil Verzin qatt ma staqsejtu liema bidwi jaħdem fejn, kullma qalli kien biex inmur għand Paul Muscat u mbgħad jindikali hu" (fol 139).*

*Ir-rikorrent, da parte tiegħu, fix-xhieda tiegħu ma setax ħlief jirrepeti dak illi kien qallu Carmelo Cassar.*

*Madanakollu, il-Bord ma jistax ma josservax illi r-rikorrent ma tella lill ħadd mis-sidien preċendenti tal-familja Attard Montalto biex jikkorrobora l-allegazzjoni tiegħu illi l-intimat kien issulloka lill-terzi, u l-Bord ma jistax ukoll ma josservax illi tali persuni kienu ċertament l-aħjar persuni illi setgħu b' xi mod, jitfgħu dawl a favur tar-rikorrent illi attwalment kienet saret sullokazzjoni. Dana qiegħed jingħad għax l-intimat ressaq xhieda sostanzjali u sorretta minn riċevuta datata 9 ta' Ottubru 1979 (fol 171) li turi li l-art kienet imqabbla lill varji familji, u dana sa minn żminijiet remoti, w għalhekk l-art qatt ma kienet imqabbla unikament lill-intimat, kif jikkontendi r-rikorrenti, iżda kienet imqabbla lill-antenati tiegħu illi eventwalment għaddew il-qbiela illi kellhom lid-dixxendenti tagħhom, fosthom l-intimat.*

*Mill-banda l-oħra, jidher ċar illi r-rikorrent kien ben a korrent tal-fatt illi l-intimat ma kienx waħdu b'titolu ta' qbiela fuq tali art, tant illi fid-19 ta' Ottubru 2006 (ossija sena wara illi għamel il-kuntratt), data eventwalment mibdula għal 19 ta' Ottubru 2016 (vide fol 376), ir-rikorrent laħaq ftehim ma' wieħed mix-xhieda prodott mill-intimat, ossija Calcidon Borg kif ukoll ma' persuna oħra bl-isem ta' Joseph Abela, sabiex dawna jgħaddulu lura t-tlett porzjonijiet ta' art fil-medda ta' art meritu tal-kawża odjerna.'*

15. L-appellant isostni li l-Bord ma kellux jemmen li l-intimat ma jiftakarx l-arblu tar-razza u d-deposizzjoni tiegħu ma kinitx preċiża u tindika li x-xhud kien jaf li l-kuntier ma jirreferix għall-art in kwistjoni. Inoltré, l-kuntier eżebit kellu jiġi skartat in kwantu ma tressqitx prova li l-firma ta' fuqu hija ta' Attard Montalto jew Verzin. L-appellant jippretendi li peress li dawn kienu nobbli l-firma tagħhom kellha tkun aktar spjegata minnha nnifisha jew permezz ta' timbru jew sinjal ieħor. Jgħid ukoll li l-imsemmija rċevuta ma tagħti l-ebda indikazzjoni ta' min qed jiġbor il-flus u l-kejl tat-territorju u għalhekk ma hemm l-ebda prova li tirreferi għall-art mertu tal-każ odjern;

16. Fl-affidavit tiegħu a fol. 135 sa 137 tal-proċess l-intimat spjega li oriġinarjament ir-raba' in kwistjoni kien fiha tletin (30) tomna li kienu oriġinarjament imqabbla lill-bużnanniet tiegħu sew min-naħa ta' missieru, Piju Muscat, kif ukoll min-naħa t'ommu, Grazzja Muscat neé Grima, peress illi l-ġenituri tiegħu kienu jiġu minn xulxin mill-bogħod. Spejga li għalhekk ir-raba' baqgħat tinqasam u tinħadem minn ġenerazzjoni għall-oħra, kemm minn familjari tiegħu min-naħa ta' ommu kif ukoll min-naħa ta' missieru u jgħid wieħed wieħed min huma u mingħand min wirtu l-porzjon ta' art preżentement fil-pussess ta' kull wieħed minnhom;

17. Din il-Qorti fliet sew l-arblu tar-razza kif spjegat mill-intimat u kuntrarjament għal dak pretiż mill-appellant, ma ssib l-ebda aspett li jxejjen il-kredibbiltà ta' dan ix-xhud. Anzi, l-fatt li l-persuni li jaħdmu l-partijiet varji tar-raba' mertu tal-każ odjern huma imparentati daqshekk mill-bogħod tant li ftit minnhom ma jafx x'jisimhom, tkompli ssaħħaħ it-teżi tal-intimat li l-art in kwistjoni ilha mikrija lill-familja tiegħu għal ħafna snin, liema art kompliet tinqasam minn ġenerazzjoni għall-oħra. Dan huwa ukoll sorrett mill-fatt li membri tal-istess familja illum jaħdmu porzjonijiet tal-imsemmija art viċin xulxin, hekk kif jirriżulta mir-reġistrazzjoni tal-istess mal-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, indikazzjoni tal-fatt li proprjetà akbar maħduma mill-antenati tagħhom inqasmet bejniet id-dixxendenti tal-familji varji maż-żmien.[7]

18. Ix-xhud irrefera ukoll għal ktieb tal-kera li kien imur lura għall-1979 minn fejn jirriżulta li dak iż-żmien l-kera kienet titħallas minn missieru Piju Muscat, Pawlu Vella, *half-brother* ta' ommu mill-ewwel żwieġ tagħha, Franġisk Muscat, it-tifel ta' ħu nanntu paterna u Ġiuseppi Muscat ir-raġel ta' oħt Franġisk. Jgħid li huma kienu jħallsu ukoll għan-nom tal-bdiewa l-oħra li kienu jaħdmu r-raba' u spiss kien hu stess li jwassal lil missieru u lil Pawlu Vella għand Attard Montalto jew Verzin, ossija, is-sidien ta' dak iż-żmien, biex iħallsu l-qbiela. Jgħid li fl-1990 missieru refa' mix-xogħol u kien mar ħallas il-kera hu flimkien ma gabillott ieħor jismu Salvu Muscat, ukoll għan-nom tal-bdiewa l-oħra li kienu jħallsu r-raba', għand Attard Montalto li dak iż-żmien kien is-sid. L-istess għamlu fl-1991.

19. L-imsemmi ktieb tal-kera ma jinsabx in atti iżda kopja ta' rċevuta waħda eżebita minn Salvu Muscat tinsab a fol. 156 tal-proċess. Din l-irċevuta tirreferi għar-raba' magħruf bħala "*tal-Ħandiel*" jew "*tal-Qala*" u għalhekk bla dubju għall-art in kwistjoni. Il-qbiela komplessiva skont l-imsemmija rċevuta kienet ta' Lm30 għall-perjodu bejn is-16 ta' Awissu 1978 sal-15 t'Awissu 1979. Fl-affidavit tiegħu l-intimat jispjega li din l-art kienet tal-kejl ta' madwar tletin (30 tomna) iżda fl-1992 Verzin kien biegħ sehmu ta' madwar għoxrin (20) tomna lil Champalin Co Ltd. Sussegwentement Attard Montalto kien aċċetta biss il-qbiela għal għaxart (10) itmiem li bagħtu għand Charles Cassar biex iħallas il-kumplament iżda dan ta' l-aħħar irrifjuta u għalhekk ill-qbiela spettanti lilu ta' Lm20 ġiet depożitata l-Qorti. Jgħid imbgħad illi fl-2006 Attard Montalto kien biegħ l-art li kienet tappartjeni lilu lid-diversi gabillotti li kienu jaħdmu sehemu.

20. Effettivament, mill-kuntratt a fol. 10 et seq. tal-proċess jirriżulta li wara li saret id-diviżjoni tal-art mertu tal-kawża bejn is-sidien Jean Maurice Verzin,

---

[7] Fol. 184 et seq.

Josephine Angela Rousselet, Arlette Grech u Josie Attard Montalto, l-imsemmija Jean Maurice Verzin, Josephine Angela Rousselet, Arlette Grech biegħu s-sehem tagħhom tal-kejl komplessiv ta' 22,232.7m$^2$ lil Champalin Company Limited u għalhekk dak li qal l-intimat kien minnu;

21. Isegwi li għalkemm ma ġiex ippruvat li l-firma fuq l-irċevuta eżebita hija ta' Attard Montalto jew Verzin, ħaġa li x'aktarx setgħet tiġi verifikata kieku l-kuntratt a fol. 10 et seq. kien dak bil-firem oriġinali, fil-kuntest tal-assjem ta' dawn il-provi, din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn tiddubita li l-irċevuta hija awtentika u maħruġa mis-sidien ta' dak iż-żmien fir-rigward tal-art in kwistjoni. Dan aktar u aktar fid-dawl tal-fatt li Salvu Muscat, li eżebixxa dan id-dokument, ma sarlu l-ebda kontro-eżami u fil-kontro-eżami tal-intimat[8] ma saret l-ebda domanda dwar dan.

22. L-appellant jilmenta li dak li qal fl-affidavit tiegħu bl-ebda mod ma ġie kontradett u inoltré ressaq diversi provi ta' dak minnu allegat, senjatament li ċ-ċedoli ta' depożitu ġew preżentati f'isem l-intimat biss. Isostni ukoll li l-imsemmija ċedoli ta' depożitu huma nulli in kwantu dak hemm dikjarat, ossija, li ġiet offruta l-qbiela lilu u rrifjuta, mhuwiex minnu. Jisħaq li mix-xhieda jirriżulta li l-appellat qasam l-għalqa mertu tar-rikors promutur f'diversi partijiet u ssulloka l-istess lil diversi gabillotti mingħajr il-kunsens tiegħu jew tas-sidien preċedenti.

23. M'huwiex minnu li dak li xehed ir-rikorrent bl-affidavit ma ġiex kontraddett. Kemm l-intimat kif ukoll il-persuni kollha li jaħdmu porzjon mill-art in kwistjoni lkoll xehedu li huma ilhom jaħdmu l-art diversi snin u qabilhom dik l-art kienet tinħadem mill-ġenituri tagħhom u qabilhom min-nanniet jew antenati oħra. Huwa għalhekk impossibbli li kien l-intimat li qasam l-art in kwistjoni u ssullokaha lill-gabillotti l-oħra. Din hija biss konġettura infondata da parti tar-rikorrent.

24. Kif tajjeb osserva l-Bord, kull allegazzjoni f'dan is-sens hija wkoll infondata fid-dawl tax-xhieda ta' Charles Cassar ta' Champalin Company Limited, illi kien biegħ l-art meritu tal-kawża lir-rikorrent. Effettivament, l-imsemmi xhud ikkonferma li, *"mingħand min konna xtrajna l-art kien infurmani li kien fiha iktar minn gabillot wieħed"*[9] u l,i "lil Verzin qatt ma staqsejtu liema bidwi jaħdem fejn, kullma qalli kien biex inmur għand Paul Muscat u mbgħad jindikali hu"[10].

---

[8] Fol. 301 – 305.
[9] Fol. 113.
[10] Fol. 139.

25. Tant hu hekk li s-soċjetà Champalin Company Limited bdiet proċeduri, li sussegwentement ġew ċeduti, kontra l-intimat odjern fejn ippremettiet illi minkejja li huwa jippossjedi b' titolu ta' qbiela biss porzjon diviż ta' madwar żewġ siegħan (porzjon mmarkata numru 5 a fol. 20) kien qiegħed jiġbor l-qbiela mingħand diversi gabillotti li jokkupaw il-porzjonijiet l-oħra tal-imsemmija art u kull sena kien qed joffri s-somma sħiħa Lm20 bħala qbiela. Fl-ittra uffiċjali mibgħuta mis-soċjetà Champalin Company Limited lill-intimat odjern,[11] tgħid ukoll li kienet għamlet riċerka mad-Dipartiment tal-Agrikoltura u identifikat dik il-porzjon okkupata minnu b' inkwilinat filwaqt li avżatu biex ma jiġborx il-kera mingħand il-gabillotti l-oħra li jokkupaw ir-raba' f'Ħandiel.

26. Filwaqt li huwa minnu li ċ-ċedoli ta' depożitu dejjem saru f'isem l-intimat biss, dan il-fatt waħdu ma jammonta għall-ebda prova konkreta ta' l-allegata sullokazzjoni u bl-ebda mod ma tegħleb il-provi kollha l-oħra prodotti li jixhdu li dan mhux il-każ. Inoltré, il-validità tal-imsemmija ċedoli minn mindu l-art inxtrat mir-rikorrent mhijiex il-kwistjoni tal-kawza gialadarba fir-rikors promutur ma saret l-ebda allegazzjoni dwar il-morożità fil-ħlas tal-qbiela.

27. L-appellant jinisti li l-intimat qed jagħmel negozju bi ħwejġu u dan għaliex l-art in kwistjoni fiha ċirka għoxrin (20) tomna b'dan illi jekk l-intimat jiġbor żewġ liri Maltin (Lm2) kull tomna jfisser li qed jiġbor erbgħin lira Maltin (Lm40) mhux għoxrin lira Maltin (Lm20), ossija, l-ammont minnu depożitat rappreżentanti l-kera. Jgħid għalhekk li l-Bord ma messux ħa konjizzjoni tax-xhieda tal-intimat ladarba kienet inkonsistenti.

28. Huwa minnu li, in kontro-eżami, l-intimat qal li kien jiġbor il-qbiela ta' kulħadd f'persentaġġ tar-raba' li jkollu bir-rata ta' żewġ liri kull tomna. Dan ifisser li b'kollox qiegħed jiġbor Lm40, ossija d-doppju tal-qbiela dovuta lis-sidien. Iżda dan ma jfissirx li l-intimat qed jissulloka l-art lill-gabillotti l-oħra, kif allegat mir-rikorrent. L-intimat jivvanta <u>biss</u> id-dritt ta' kera fuq porzjon art li tinsab delinjata bl-abjad a fol. 227 tal-proċess. Ladarba l-intimat m' għandu l-ebda dritt ta' inkwilinat fuq il-porzjonijiet l-oħra tal-art mertu tal-vertenza odjerna, huwa legalment u fattwalment prekluż milli jċedi lil-terzi dak li m'għandux b'dan illi kwalsiasi somma li qed jipperċepixxi mingħand il-gabillotti l-oħra li teċċedi l-kera dovuta lis-sidien ma tirrappreżentax ħlas ta' sullokazzjoni.

29. Fil-fatt, ħadd mill-gabillotti l-oħra ma xehed li qed jikri jew jissulloka mingħand l-intimat iżda kollha kkonfermaw dak li xehed l-intimat, ċioé, li

[11] Fol. 15.

wirtu l-kera tal-porzjonijiet varji tal-imsemmija art mingħand l-antenati rispettivi tagħhom.

30. Ir-rikorrent m'għandux raġun jilmenta li ħadd mill-gabillotti li xehedu ma ġab prova li wirtu l-qbiela. F'kawżi ta' dan it-tip, l-oneru tal-prova kien jinkombi fuq ir-rikorrent b' dan illi *se mai* kien jispetta lir-rikorrent ixejjen ix-xhieda tal-imsemmija gabillotti. Iżda fil-kontro-eżamijiet li saru tal-persuni li qed jiddetjenu u jaħdmu l-porzjonijiet varji tal-art in kwistjoni lkoll tennew li ilhom jaħdmu l-art '*minn dejjem*' u li wirtuha mingħand l-antenati tagħhom. Mill-assjem tal-provi prodotti din il-Qorti m'għandiex għalfejn tiddubita x-xhieda tagħhom. Huma spjegaw kif il-porzjon art li jaħdmu ġiet għandhom, u minn dawk il-provi hu evidenti li ma saritx sullokazzjoni mill-intimat.

31. Effettivament, minn imkien ma jirriżulta li l-intimat ssulloka partijiet mil-għalqa mlaqqma 'Tal-Qala', sive Tal-Ħandiel lil terzi mingħajr il-kunsens tar-rikorrent kif allegat minn dan ta' l-aħħar. Anzi, kien ir-rikorrent stess li laħaq ftehim ma uħud minnhom[12] li permezz tiegħu tawh lura l-pussess tal-prozjon li jahdmu. Ħaġa li ma setgħetx issir kieku l-art kienet sullokata lilhom mill-intimat.

32. Isegwi li d-deċiżjoni tal-Bord f'dan ir-rigward jistħoqqilha konferma.

33. Apparti l-allegata sullokazzjoni li tirriżulta għal kollox infondata, l-appellant ippropona l-kawża u talab li jieħu lura l-pussess tal-għalqa mlaqqma 'Tal-Qala', sive Tal-Ħandiel, tal-kejl ta' ċirka 22,233 metri kwadri ukoll a bażi tal-allegazzjoni li **l-intimat ħalla l-għalqa tintuża għal skop divers minn dak miftiehem u ħalla li ssir ħsara fl-istess għalqa**.

34. F'dan ir-rigward, wara li rrefera għar-relazzjoni tal-Membri Tekniċi, il-Bord osserva:-

> '...
>
> *Minn tali osservazzjonijiet, jirriżulta ben ċar illi, a differenza ta' dak allegat mir-rikorrent, l-art qiegħda tintuża, fil-parti l-kbira tagħha, regolarment, u qiegħda tintuża għal skopijiet agrikoli. Jirriżulta wkoll illi mkien ma ssir referenza għall-kmamar mibnija illegalment, kif jikkontendi r-rikorrent.*
>
> *Jirriżulta wkoll illi min qiegħed jokkupa u jagħmel użu minn tali artijiet għamel ċertu xogħolijiet intiżi sabiex jibbenefikaw ix-xogħol agrikolu, bħalma huwa dik tal-bini ta' xi serrer, għalkemm mhux operattivi fil-mument meta sar l-aċċess, kif ukoll passaġġ intiż sabiex jgħaddi inġenji kbar.*

[12] Dok JS1 a fol. 376-377

*...*

*Huwa ċar illi t-tibdiliet illi dwarhom jilmenta r-rikorrent kienu xogħlijiet neċesarji "għall-godiment tal-fond" intiżi sabiex jkabbru l-potenzjal agrikolu ta' l-artijiet meritu tal-kawża odjerna u ma jistgħux jitqiesu bħala ħsarat kif qiegħed jikkontendi r-rikorrent.*

*Huwa ċar, di piú, illi kwalsiasi tibdil illi sar fil-proprjeta' meritu tal-kawża odjerna u riskontrati mill-Membri Tekniċi ta' dana il-Bord huwa tali illi jista' "jiġi b'faċilita' eliminat u l-fond ikun jista jiġi repristinat u mqiegħed fl-istat illi kien".*

*Għalhekk, ma jidhirx ippruvat dak allegat mir-rikorrent illi l-għalqa kienet qiegħda tintuża għal skopijiet differenti minn dawk miftiehma kif ukoll illi għamel ħsara lill l-istess għalqa, peress illi jirriżulta ben ċar li l-għalqa qiegħda tintuża għal skopijiet agrikoli, kif probabbilment oriġinalment imqabbla, (peress illi r-rikorrent ma ressaq ebda prova biex juri kif kienet oriġinalment imqabbla l-għalqa kollha, illi kienet tifforma parti minn għalqa akbar) u ma saret ebda ħsara lill-istess għalqa.'*

35. Fl-appell, l-appellant ikompli jisħaq iżda li saru diversi serer u kmamar filwaqt li l-passaġġ twessa' u ngħata l-konkrit mingħajr il-permess tas-sidien u lanqas tal-Awtorità tal-Ippjanar. Jgħid ukoll li hemm parti sostanzjali tar-raba' ma jinħadimx u hemm stat ta' abbandun.

36. Fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti hija tal-fehma li s-serer in kwisjoni ma jistgħux iwasslu għat-terminazzjoni tal-kirja. Ibda biex, saru biss fuq parti mill-art in kwistjoni u jekk l-Awtorità kompetenti tordna t-tneħħija tagħhom tali ordni jista' jiġi eżegwit mingħajr diffikultà. F'kull każ, ma jirriżultax li l-imsemmija serer saru fuq dik il-parti tal-art li qiegħed jaħdem l-appellat, u serer jintuzaw ghal koltivazzjoni ta' art agrikola (ara definizzjoni ta' serer fil-Kap.199).

37. Skont ir-rikors promutur ta' Champalin Company Limited fil-kawża bin-numru 2/04 a fol. 7, wara verifiki mad-Dipartiment tal-agrikoltura rriżulta li l-intimat hu reġistrat biss fil-porzjon immarkat numru 5 fuq il-pjanta a fol. 20. Wara li sar aċċess mill-Periti Tekniċi f'dawn il-proċeduri, irriżulta li l-parti tar-raba' indikata bin-numru 5 fuq '**Dok MG002**' a fol. 37, li hija l-istess pjanta a fol.20, hija miżrugħa tewm u piżelli.[13]

38. Għalkemm il-porzjon art okkupata mill-intimat u indikata minnu stess a fol.227 hija x'aktarx biss parti mill-porzjon indikata bin-numru 5 a fol. 37, Keith Mallia, rappreżentant tal-*paying agency* ikkonferma li l-intimat

[13] Fol. 95.

jibbenefika mis-sussidju SPS (*single payment scheme* għall-fondi għall-wiċċ tar-raba') u LFA (*less favoured area funds*).[14]

39. Min-naħa l-oħra, skont ir-rapport tal-periti tekniċi jirriżulta li l-imsemmija serrer abbandunati kienu jinsabu fuq il-parti indikata bin-numru 3 u fil-parti numru 8 u għalhekk l-intimat ma jirrispondix għalihom u f'kull każ ma jistgħux iwasslu għat-terminazzjoni tal-qbiela fil-konfront tiegħu.

40. Dwar il-passaġġ li ġie mwessa' sabiex jgħaddu inġenji kbar, huwa aċċettabli li dan kien neċessarju "għall-godiment tal-fond" u inkwantu intiż sabiex jkabbar il-potenzjal agrikolu ta' l-artijiet meritu tal-kawża odjerna, ma jistax jitqies bħala ħsara kif qiegħed jikkontendi r-rikorrent.

41. Lanqas ma huwa l-każ li l-appellat ħalla l-art mqabbla lilu fi stat ta' abbandun kif allegat mir-rikorrent. Skont ir-rapport peritali, huma biss il-partijiet numerati 8, 9 u parti min-numru 3 li rriżultaw żdingati, abbandunati u ma jinħadmux.[15]

42. Jirriżulta għalhekk li dan l-aggravju huwa wkoll bla bazi.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.

[14] Fol. 182 – 185.
[15] Fol. 95.